# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sittax (16) ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru 367/15 FDP**

**Dr Simon Busuttil (ID 242669M)**

**vs**

**Dr Joseph Muscat bhala Mexxej u l-Avukata Lydia Abela bhala Segretarja Ezekuttiva, lkoll in rappresentanza tal-Partit Laburista.**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid-9 ta' Dicembru 2015 fejn ir-rikorrenti talabu lill-Qorti is-segwenti:

> (1) Prevja li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi u tiddikjara li l-istqarrija mahruga mill-Ufficcju tal-Komunikazzioni tal-Partit Laburista nhar it-Tnejn, 7 ta' Dicembru 2015 intitolata "*Bil-kejl tieghu Busuttil ghandu jgorr responsabbilita politika shiha*' kemm fl-assjem taghha kif ukoll permezz ta' frazijiet individwali li tqieghdu flimkien, kienet tikkontjeni allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu, kif ukoll joholqu f'mohh il-pubbliku l-ideja li huwa nqabad f'kaz serju ta' frodi ta' fondi pubblici, li kien ilu jaf bil-kaz numru ta' jiem u li ghalhekk huwa hati ta' xi agir kontradittorju u/jew hazin u/jew illegali u li gideb jew heba dan l-allegat agir illegali ghal numru ta' jiem;
>
> (2) Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Onorabbli Qorti, liema somma ma teccedix l-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u

erbghin ewro (€11,646.00) bhala danni b'applikazzjoni tal-Att dwar l- Istampa, Kap. 248 tal Ligijiet ta' Malta.

Rat l-istqarrija illi dwarha saret il-kawza odherna illi kienet Stqarrija "*Mahruga mill-Ufficcju tal-Kominikazzjoni tal-Partit Laburista*", illi ggid id-data tat-*"Tnejn, 7 ta' Dicembru 2015*", u kienet tghid is-segwenti:

***Stqarrija***

*It-Tnejn 7 ta' Dicembru 2015*

*Mahruga mill-Ufficiju tal-Komunikazzjoni tal Partit Laburista*

***Bil-kejl tieghu Busuttil ghandu jgorr responsabbilita politika shiha***

*Simon Busuttil ghazel ix-xufier tieghu, l-iktar persuna li suppost jafda, u allura huwa responsabbli ta' error of judgement serju.*

*Erbgha u ghoxrin siegha wara li vara d-dokument li jitlob titjib fl-istandards pubblici, Simon Busuttil ingabad f kaz serju ta' frodi ta' fondi pubblici, liema kaz ilu jaf bih ghal numru ta' jiem. L-unici fondi pubblici li Busuttil kien responsabbli ghalihom.*

*Kieku l-kaz kien bil-maqlub, Busuttil diga' ged jitlob ir-rizenja tal-politiku nvolut.*

*Id-diskors dwar standards ghall-politici radmu fl-iktar kaz serju li persuna li tokkupa kariga istituzzjonali ta Kap tal-oppozizzjoni qatt kellha.*

*Bil-kejl tieghu Busuttil ghandu jgorr responsabbilita politika shiha.*

*Ufficcju Komunikazzjoni*

*Partit Laburista*

Rat ir-risposta ta' l-intimati ppresentat fit-18 ta' Jannar 2016, fejn laqghu ghal dak mitlub billi eccepew is-segwenti:

1. Preliminariament fl-ewwel lok l-esponent la huwa l-awtur u langas l-editur tal istqarrija imsemmija u ghalhekk l-artikolu 23(a) u (b) tal-l-Att dwar l-Istampa (Kap 248)

F'kull kaz u minghajr pregudizziu ghas-sueccepiti:

2. It-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispeijez kontra tieghu.

3. Il-pubblikazzjoni msemmija mill attur m'hijiex libelluza fil-konfront tieghu.

4. Il-fatti msemmija fil-pubblikazzjoni kjarament jikkonsistu fi kritika politika ta' persunagg politiku, fi kwistjoni fid-dominju pubbliku, accettabbli f'socjeta demokratika, kemm taht il-ligijiet ta' l-istampa kif ukoll taht il-Kostituzzjoni u taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. L-esponenti kjarament qed tikkritika r-responsabilta' politika' tal-attur b'argument u tatribwilu '*error of judgement*' f'kaz li jirreferi ghax-xufier li jikkoncerna fondi pubblici. L-attur kellu kull dritt ma jaqbilx mal-kummenti u l-kritika tal-esponent, u kellu wkoll rimedji, li effettivament uza, biex jikkontradici jew jispjega il-fatti li ma kienx jaqbel maghhom u jwassal il-messagg tieghu, b'mod li m'ghandux ghalfejn jirrestringi jew l-liberta' ta' l-espressioni tal-avversarii politici tieghu.

5. In kwantu l-pubblikazzjoni tikkontieni kummenti, dawn jikkonsistu f'fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta interess pubbliku, accettabli f'socjeta' demokratika taht il-Kostituzzjoni u taht il- Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimata **Dr Lydia Abela**, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-16 ta' Mejju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppresentata, ossija l-Istatut tal-Partit Laburista.

Semghet ix-xhieda ta' **Nigel Vella**, Ko-ordnatur tal-Komunikazzjoni tal-Partit Laburista, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-16 ta' Mejju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentat, ossija l-Istqarrija meritu tal-kawza odjerna.

Rat l-affidavit ta' **Dr Simon Busuttil** ippresentat fis-16 ta' Mejju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata, ossija il-'*Process Verbal dwar investigazzjoni fuq rapport ta' konsum ta' fuel iktar milli suppost fuq il-karozza EBT 486 li tappartjeni ghall-Kap ta' l-Opposizzjoni skond ir-Rapport tal-Pulizija datat 4 ta' Dicembru 2015*' u maghluq fis-7 ta' April 2016. (fol 45)

Rat il-kontenut u konkluzjoni tal-Process verbal datat 7 ta' April 2016, fejn il-Magistrat Inkwirenti, bl-ghajnuna tal-esperti, ghamlet is-segwenti konkluzjonijiet:

*a) illi s-sistema li tuza l-Gvern sabiex thaddem id-data rigwardanti l-fuel ma taghtix profil rejalistiku fil-Fleetweb sija meta jigu registrati l-ammonti ta' kilometragg kif ukoll meta jitnizzel jekk il-karrozza in kwistjoni tkunx qeghda titnizzel b'mili jew b'kilometri. Illi, fi fit kliem, din is-sistema ma tikkontrollax zbalji umani li jistghu isiru tul l-ipprocessar ta' din is-sistema u ghalhekk wiehed forsi ghandu jirrevedi din is-sistema sabiex ikun hemm kontroll aktar mill-input li jsir manwalment mill-addetti li jhaddmu din is- sistema;*

*b) illi kif inghad mill-espert Dr Martin Bajada fir-rapport tieghu, sar xi zball meta tnizzel l-odometer reading minn naha ta' Cars International meta kien hemm qabza straordinarja f'dan ir-reading minn 38586 fuq invoice 2303090 datata seba (7) ta' Ottubru 2015 ghal kilometragg ta' 65590 fuq invoice 2303196 datat tlettax (13) ta' Novembru 2015.*

*c) illi hareg ukoll mir-rapport PL Quentin Tanti; li ghamel periodu ta' prova bil-karrozza EBT 486; u dan wara li nghata kopja tal-itinerariu ta' Dr. Simon Busuttil tal-perjodu ta' circa erba (4) xhur u li kien inghata mill-istess bil-gurament lil Dr. Martin Bajada debitament awtorizzat mill-Magistrat Inkwirenti; fejn gie stabbilit b'mod car illi din il-vettura verament kienet tahli l-ammont ta' fuel li kien qed jiddikjara Anthony*

*Tabone u ghalhekk kien jidher car illi ma kien jidher li ma kien hemm l-ebda dolo minn naha tieghu meta kien ged juza din il-karrozza.*

*Dan ged jinghad ghaliex kif xehed l-istess Clerk of the House Raymond Scicluna fix-xhieda tieghu datata sittax (16) ta' Dicembru 2015 kif ukoll kif gie kkonfermat minn xhieda ohra tul din l-inkjesta, il-Kap tal-Oppozizzjoni Dr. Simon Busuttil kellu allowance ta' fuel fuq il-vettura in kwistjoni ta' mitejn u hamsin Ewro (EUR250) xahar minghajr ebda kundizzjonijiet imposti ma' din il-koncessioni;*

*d) illi finalment irid jinghad ukoll illi mix-xhieda tal-istess Raymond Scicluna mill-Parlament, hareg illi l-intenzjoni tal-Speaker Dr. Anglu Farrugia kien intiz biss sabiex il-Pulizija jaghmlu stharrig jekk il-fuel ikkonsmat mill vettura EBT 486 kienx rejalistiku jew le meta rraporta lill-Pulizija.*

*Illi ghal dawn il-motivi, il-Magistrat Inkwirenti tikkonstata li l-iskop tal-inkjesta odjerna gie ezawrit peress li gie stabbilit illi ma kien hemm l-edba dolo minn terzi jew wisq angas minn Anthony Tabone (ID 109363 M), irredigiet il-Proces Verbal, ghaqdet mieghu ir-relazzjonijiet tal esperti mahtura u r-rapport tas-Supretendent Ian Abdilla u ordnat li kollox jintbaghat lill-Avukat Generali skond il-Ligi.*

Semghet il-kontro ezami ta’ Dr. Simon Busuttil moghtija fis-16 ta’ Frar 2017.

Rat l-Istqarrija ghall-Istampa mahruga mill-Partit Nazzjonalista fis-7 ta’ Dicembru 2015 ippresentat mir-rikorrenti fuq talba ta’ l-intimati u illi kien jghid is-segwenti:

***Stqarrija mahruga mill-Kap tal-Oppozizzjoni***

*Ftit tal-hin ilu ghadni kemm sirt naf li ghadha kemm infethet Inkjesta Magisterjali wara rapport li sar mill-Ispeaker dwar il-konsum tal-fuel tal-vettura uzata minni bhala Kap tal-Oppozizzjoni.*

*Peress li huma x'inhuma l-fatti dwar dan il-kaz jien irrid li johorgu kollha, u kulhadd, specjalment jien, ikun jaf il-verita' kollha u shiha, jien ghadni kemm ipprezentajt rikors quddiem il-Magistrat li qed tmexxi din l-Inkjesta sabiex ninfurmaha li jien ninsab ghad-dispozizzjoni shiha, assoluta, u kompleta taghha jekk hi thoss li nista' b'xi mod nghin f din l-Inkjesta.*

*Niddikjara wkoll li ghadni kemm ktibt lill-ispeaker tal-Kamra tar-Rapprezentanti biex nitolbu jissospendi b'effett immedjat lix-xufier addett mieghi pendenti l-ezitu ta' dawn l-investigazzjonijiet.*

*Anness ma' hawn ir-rikors li ghadni kemm ipprezentajt fil-Qorti din l-istqarrija quddiem il-Magistrat Inkwirenti.*

Rat l-Istqarrija ghall-Istampa mahruga mill-Partit Nazzjonalista fil-25 ta’ April 2016 ippresentat mir-rikorrenti fuq talba ta’ l-intimati u illi kien jghid is-segwenti:

***IX-XUFIER TAL-KAP TAL-OPPOZIZZJONI LLIBERAT MINN KULL AKKUZA***

*Konferenza tal-ahbarijiet indirizzata mill-Kap tal-oppozizzioni Simon Busuttil*

*Fis-7 ta' Dicembru li ghadda jien gejt hawn fil-Parlament, u habbartilkom li kont ghadni kif issospendejt lix-xufier personali tieghi wara allegazzjonijiet kontrieh ta' abbuz mill-fuel tal-karozza tieghi bhala Kap tal-Oppozizzjoni. Dan, wara li kont gejt nfurmat li nfethet Inkjesta Magisterjali fil-konfront tax-xufier tieghi.*

*Illum, kwazi 5 xhur wara, sejjahtilkom biex inhabbar li din l-inkjesta sa fl-ahhar tlestiet. Il-konkluzjoni tal-inkjesta hija li ma sabet assolutament ebda kaz fil-konfront tax-xufier tieghi. B'hekk il-kaz gie definittivament maghluq u llum, b'effett immedjat, nehhejt is-sospensjoni tax-xufier tieghi.*

*Nixtieq nigbed ftit punti li johorgu minn dan episodju:*

*1. Nixtieq nuri s-solidarjeta tieghi max-xufier tieghi Toni Tabone li f'dan ahhar hames xhur, kemm hu kif ukoll familia tieghu, minn zmien difficl hafna.*

*2. Dan kaz juri id-differenza kbira bejn iz-zewgt partiti. Filwaqt li jiena kont hadt azzjoni mill-ewwel u ssospendejt x-xufier tieghi, anki kwistjoni zghira bhal din, il Prim Ministru Joseph Muscat ghadu lanqas biss ssospenda lil Konrad Mizzi u Keith Schembri fuq materja ferm u ferm aktar gravi, ahseb u ara kemm keccihom*

*3. Meta kienet harget I-ahbar, il-Partit Laburista kien dlonk hareg staarrija jghid li jiena ghandi nerfa' r-responsabbilita politika ta' dan kaz. Kienu qalu wkoll li "Simon Busuttil inqabad f'kaz seriju ta' frodi ta' fondi pubblici". Ovviament dan kien kompletament falz. Hija sfortuna kbira li taht it-tmexxija ta' Joseph Muscat, il-Partit Laburista hammeg il-politika u waqqaghha fl-aktar livelli baxxi li qatt ma rajna. Hawn kellna sitwazzjoni fejn, biex issir hsara politika lili, gie uzat u attakkat u saret krucjata kontra semplici haddiem, xufier, li ma kienx jixraqlu jigi trattat b'dan mod. L-appell tieghi lill-Partit Laburista huwa li jieqaf ihammeg il politika*

*4. Jiena nistenna li l-Ispeaker tal-Kamra issa jara li min kien wara dan ir-rapport bla bazi u jara li dan jerfa' r-responsabbilita. Bhala minimu nistenna li tintalab skuza lil Toni Tabone talli gie mghoddi minn din il-krucjata ghal xejn b'xejn.*

*5. Fl-ahharnett, nixtieq nirringrazzja volontiera kollha li matul dawn ahhar 5 xhur ghenuni billi saqu l-karozza tieghi biex, bhala Kap tal-Oppozizzjoni inkun nista', nibqa ghaddej bl-impenji tieghi.*

Rat illi fit-12 ta' Gunju 2017 il-partijiet qablu illi l-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali orali.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis 6 ta' Lulju 2017, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, dak iz-zmien Kap tal-Opposizzjoni, kellu vettura moghtija lilu fil-kapacita' ufficjali tieghu, Opel Insigna EBT 486, liema vettura kellha wkoll allowance tal-fuel ta' mitejn u hamsin Euro fix-xahar (€250).

Jirrizulta illi r-rikorrent dak iz-zmien kellu bhala xufier ufficjali tieghu lill Anthony Tabone, persuna maghzula mir-rikorrent stess u, ghalhekk, li r-rikorrent kellu r-responsabbilta' politika tieghu bhala persuna ta' fiducja tieghu, liema xufier kien jiehu hsieb l-amministrazzjoni kollha tal-vettura.

Jirrizulta illi fit-3 ta' Dicembru 2015, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, wara illi gie innutata anomalija fil-konsum tal-vettura waqt xoghol ta' verifika fuq il-konsum tal-fuel, ghazel illi jaghmel rapport lill Kummissarju tal-Pulizja sabiex isir stharrig biex jigi vverifikat jekk il-fuel ikkonsmat mill-vettura EBT 486 kif irregistrat maghhom kienx attwalment realistiku jew le.

Jirrizulta illi l-Pulizja talbet sabiex tinfetah Inkjesta Magisterjali fis-7 ta' Dicembru 2015.

Jirrizulta illi fis-7 ta' Dicembru 2015 stess ir-rikorrent ghamel Stqarrija mahruga mill-Ufficcju tal-Partit Nazzjonalista fejn stqarr illi ftit tal-hin qabel kien gie infurmat illi kienet infethet Inkjesta "wara rapport li sar mill-Ispeaker dwar il-konsum tal-fuel tal-vetttura" minnu uzata u, filwaqt illi gharraf illi kien kiteb lill-Ispeaker sabiex l-istess Speaker "jissospendi b'effett immedjat ix-xufier addett mieghi pendenti l-ezitu ta' dawn l-investigazzjonijiet" huwa kien ippresenta rikors quddiem il-Magistrat Inkwirenti biex jinfurmaha dwar id-disposizzjoni tieghu biex jghif fl-investigazzjonjiet. (vide fol 70)

Jirrizulta illi fl-istess gurnata, jigifieri is-7 ta' Dicembru 2015, il-Partit Laburista ippubblika Stqarrija fejn akkuza lir-rikorrenti li huwa "responsabbli ta' error of judgment serju" filwaqt illi sahaq li r-rikorrenti "inqabad f'kaz serju ta' frodi ta' fondi pubblici' u insista li "id-diskors dwar standards ghall politici (illi r-rikorrent kien ghadu kif ghamel il-gurnata ta' qabel), radmu fl-iktar kaz serju li persuna li tokkupa kariga istituzzjonali ta' Kap tal-Opposizzjoni qatt kellha".

Jirrizulta illi r-rikorrent hassu ruhu malafamat bil-kliem u kontenut ta' l-istqarrija u ghalhekk, fid 9 ta' Dicembru 2015, nieda l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimati, fl-eccezzjonijiet tieghu, qajjmu zewgt linji difensjonali principali, illi huma s-segwenti:

- Illi l-intimati la huma l-awturi u wisq anqas l-edituri w ghalhekk kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

- Illi l-kummenti kienu jikkonsistu fi kritika politika ta' persunagg pubbliku fi kwistjoni fid-dominju pubbliku accettabbli f'socjeta demokratika, liema kummenti kienu wkoll 'fair comment' maghmulha in buona fede dwar fatti sostanzjalment certu u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku.

Il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra tali linji difensjonali separatament.

*L-intimati mhux l-awturi jew edituri u ghalhekk mhud responsabbli.*

L-Artikolu 23 tal-Kap 248 tal-ligijiet vigenti sa' llum jghid illi:

> *L-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima II u l-azzjoni ċivili taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin:*
>
> *(a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għalhekk;*
>
> *(b) l-editur;*
>
> *jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati,*
>
> *(ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.*

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-Istqarrija illi minnha qieghed jilmenta r-rikorrent kienet Stqarrija mahruga mill-Partit Laburista, u, filwaqt illi ma hemm ebda indikazzjoni dwar min huwa l-awtur ta' l-Istqarrija, jinghad illi tali Stqarrija inharget mill-Ufficcju Komunikazzjoni tal-Partit Laburista.

Jirrizulta, ghalhekk, illi la l-awtur u wisq anqas l-editur ta' min hareg l-Istqarrija ma setghu jigu identitikati, w ghalhekk ir-responsabbilta taqa fuq min huwa responsabbli ghall-Pubblikazzjoni.

Jirrizulta illi l-Istqarrija tghid li inharget mill-Partit Laburista u, aktar precizament, mill-Ufficcju Komunikazzjoni.

Jirrizulta illi l-Artikolu 4 tal-Kap XXI intitolat 'Generali' ta' l-Istatut tal-Partit Laburista esebit mill-intimata Dr Lydia Abela, illi hija s-Segretarja tal-Ezekuttiv Nazzjonali tal-Partit Laburista, jipprovdi dan li gej:

> *Ir-rappresentanza Guridika tal-Partit tkun vestita fi tnejn minn dawn: Mexxej, President tal-Partit, Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali u l-Amministratur Finanzjarju.*

Jirrizulta mhux kontradett illi l-intimat Dr Joseph Muscat huwa l-Mexxej tal-Partit Laburista filwaqt illi l-intimata Dr Lydia Abela hija s-Segretarja tal-Ezekuttiv Nazzjonali tal-Partit Laburista.

Jirrizulta ghalhekk illi, la darba l-Istqarrija ma tindikax persuna illi qieghed jiehu r-responsabbilta' ta' dak illi qieghed jinkiteb, tali responsabblita ghandha taqa fuq l-Ufficjali illi ghandhom ir-rappresentanza guridika tal-Partit Laburista.

Jirrizulta illi z-zewgt intimati huma tnejn mill-erbgha ufficjali illi jistghu jitqiesu responsabbli ghall-Partit Laburista, u ghalhekk gew korrettement imsejjhin fil-kawza odjerna stante illi l-Istqarrija meritu tal-kawza odjerna ma tidentifika ebda awtur.

Ghalhekk, dina l-ewwel eccezzjoni ma tistax tintlaqa.

*<u>Kritika politika u fair comment dwar persuna pubblika fuq kwistjoni ta' interess pubbliku</u>*

Ghandu jigi rilevat, l-ewwel u qabel kollox illi, kif gia qalet dina l-Qorti fil-kawza **Dr Joseph Cassar vs Dr Stefan Zrinzo Azzopardi** deciza fil 15 ta' Ottubru 2015 u mhux appellata

> *"partit politiku ma ghandu jkollu ebda beneficci aktar minn persuna normali u ghalhekk, ghalkemm l-intimati jinvokaw il-principju ta' kritika politika, tali livell ta' kritika ghandhu jitqies l-istess bhal 'valur judgment' jew 'fair comment' illi kull persuna ghandu dritt jinvoka, u ghalhekk ghandu jigi soggett ghall-istess kriterji ben stabbiliti fil-kamp ta' 'value judgment' u 'fair comment'."*

Jirrizulta illi r-rikorrenti, fix-xhieda tieghu, kemm tramite affidavit kif ukoll in kontro ezami, ikkonferma illi huwa hassu malafamant peress illi l-istqarrija inharget gurnata biss wara illi r-rikorrent, bhala Kap tal-Partit Nazzjonalista, kien habbar dokument intitolat "Nibnu Fiducja Gdida fil-Politika", liema dokument kien jindika lista ta' mizuri proposti ghal good governance, u l-istqarrija kienet qieghda tohloq stmerrija fil-konfront tieghu ghax mimlija inveritajiet u gideb.

Jirrizulta, di fatti, illi r-rikorrent joggezzjona "*bl-aktar mod qawwi ghat-tahwida intenzjonata li saret mill-Partit Laburista sabiex iwassal lill-pubbliku ghal konkluzjoni skorretta u sabiex jipprova jhammeg*" lir-rikorrent. (vide fol 42)

Jirrizulta illi r-rikorrent jilmenta principalment ghal tlett akkuzi illi saru fil-konfront tieghu, ossija:

- Illi kien responsabbli ta' *error of judgment* serju dwar il-hatra tax-xufier tieghu
- Illi kien inqabad f'kaz serju ta' frodi ta' fondi pubblici
- Illi kien "radam" id-diskors tieghu dwar standards ghal politici.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi x-xufier tar-rikorrent, ossija Anthony Tabone, kien persuna tal-fiducja tar-rikorrenti u li kien minnu maghzul.

Jirrizulta wkoll illi kien Anthony Tabone il-persuna responsabbli mill-amministrazzjoni tal-vettura moghtija lir-rikorrent minn fondi pubblici in vista tal-kariga lilu moghtija.

Jirrizulta illi, fl-10 ta' Dicembru 2015, hekk kif kienet infethet l-inkjesta, Anthony Tabone kien talab il-Magistrat Inkwirenti sabiex jaghlaq l-Inkjesta, liema talba kienet michuda mill-istess Magistrat Inkwirenti fil-15 ta' Dicembru 2015 meta gie ddikjarat illi kienu jesitu elementi sufficjenti biex titmexxa inkjesta '*In Genere*' a tenur tal-Artikolu 546 (1) tal-Kap 9. (fol 47)

Jirrizulta illi, skond l-atti processwali ta' l-inkjesta "*minn kalkolu li sar mill-Kamra tar-Rappresentanti, jidher li fuq medda ta' sentejn, din il-karozza hliet cirka 10.4 litru kull mitt kilometru, mentri minn ezercizzju zghir li sar mill-Pulizija, din il-karozza kellha tahli madwar 3.8 litri f'mitt kilometru*". (fol 46)

Jirrizulta illi r-rikorrent, bhala Kap tal-Opposizzjoni, kien jinghata allowance ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar ghax-xiri ta' fuel, minghajr ma kien hemm impost ebda kundizzjoni dwar kif kellu jintuza tali fuel.

Jirrizulta illi tali allowance kien jinghata lir-rikorrent minn fondi pubblici.

Jirrizulta illi, skond investigazzjoni inizzjali li kien ghamel l-Ufficcju tal-Kamra tar-Rappresentanti, kien irrizulta illi kien hemm anomalija konsiderevoli fil-qari tal-kilometragg tal-vettura u "*gie suspett li jew hemm xi tbaghbis fil-kilometragg ta' l-istess vettura jew li xi fuel qieghed jigi uzat hazin*".

Jirrizulta illi, fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' Istqarrija da' parte tal-Partit Laburista, ossija fis 7 ta' Dicembru 2015, l-unici fatti illi kienu maghrufa kienu illi kienet infethet inkjesta dwar anomalija fil-konsum tal-fuel tal-vettura ufficjali tar-rikorrent li kienet moghtija u qieghda tintuza minnu bhala Kap tal-Opposizzjoni.

Jirrizulta illi dina l-Qorti ma hijex a korrent tal-fatt jekk l-Istqarrija meritu tal-kawza odjerna inhargitx qabel jew wara li  l-Partit Nazzjonalista hareg l-Istqarrija tar-rikorrent – madanakollu, jidher fix-xhieda tar-rikorrent stess (fol 60), illi r-rikorrent kien a korrent tal-kwistjonij qabel ma giet pubblika l-kwistjoni.

Jirrizulta illi kien biss fi-7 ta' April 2016, meta gie maghluq l-meritu tal-Inkjesta Magisterjali, illi l-fatti kollha tal-kaz setghu gew ikkonstati izda l-Qorti ma ghandha ebda indikazzjoni jekk il-kontenut u l-konkluzjonijiet ta' l-inkjesta gewx ippubblikati jew le.

Jirrizulta, izda, illi r-rikorrent zamm Konferenza tal-Ahbarjiet, bhala Kap tal-Opposizzjoni, fil-25 ta' April 2016 u habbar illi l-inkjesta kienet tlestiet dakinhar u li "*ma sabet assolutament l-ebda kaz fil-konfront tax-xufier tieghi*", kif stqarr l-istess rikorrent.

Il-Qorti ghalhekk tifhem illi l-fatti kollha tal-kaz kienu pubblici bil-konkluzjonijiet taghha fil 25 ta' April 2016.

**Ikkunsidrat**

Dwar il-livel ta' kritika li politiku tista ssirlu, kif gie stabbilit fid-decizjoni tal-European Court of Human Rights fis-sentenza **Ligens vs Austria**, u abbracjata mill-Qorti Maltin, intqal illi:-

> *Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Aktar recentement, fil-kawza deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijet  **Axel Springer AG vs Germany** deciza fis-7 ta' Frar 2012, intqal is-segwenti:

> *78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly*

Minn naha l-ohra, dwar id-difiza ta' '*fair comment*', kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slande**r :

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, dana l-insenjament gie abbracjat meta intqal is-segwenti :

> *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

**Ikkunsidrat**

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha, il-Qorti tosserva illi, fil-mument illi saret l-Istqarrija meritu tal-kawza odjerna, ossija fis 7 ta' Dicembru 2015, il-fatti illi abbazi taghhom giet imsejsa l-Istqarrija kienu sostanzjalment korretti, peress illi kien qieghed jigi akkuzat mill-Ufficcju ta' l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappresentanti, illi seta kien hemm tbaghbis fil-kilometragg tal-vettura fil-pussess tar-rikorrent jew inkella il-fuel allowance illi kien qieghed jigi lilu moghti kien qieghed jintuza hazin.

Jirrizulta illi ghalkemm ir-rikorrent seta hassu malafamat bl-akkuzi illi kienu qed isiru kontra tieghu, liema akkuzi, finalment, gew ippruvati lkoll inveritjeri, dawna l-akkuzi kienu bbazati fuq il-fatti illi kienu <u>dak iz-zmien</u> accessibbli u kienu indirizzati lejn persuna illi ghandu jkun lest illi jigi kkritikat, anke b'mod ahrax u okkazzjonalment b'mod ingust, peress illi huwa involut fil-politika, liema politiku huwa soggett ghal l-oghla livell ta' skrutinju u kritika da' parte ta' kullhadd, inkluz il-Partit Laburista, illi naturalment, dak il-hin, kif ra l-istorja tizviluppa opportunament l-ghada illi r-rikorrent kien nieda dokument fuq il-*good governance*, ha l-ispunt minn tali ahbar biex jiskredita politikament lir-rikorrent w il-Partit tieghu.

Il-Qorti tosserva wkoll illi r-rikorrent kellu kull opportunita' illi jirribatti ghall-allegazzjonijiet illi kienu saru mill-Partit Laburista, u di fatti saru Stqarrijiet kemm hekk kif harget l-ahbar kif ukoll meta sar maghruf l-ezitu tal-Inkjesta.

Ghalhekk, il-Qorti tqis illi ma kien hemm xejn malafamanti fil-kontenut tal-Istqarrija mahruga mill-Partit Laburista fis-7 ta' Dicembru 2015 peress illi kien ibbazat fuq fatti illi, dak iz-zmien, kienu sostanzjalment korretti u dak hemm kontenut kellu jitqies bhala kumment politiku b'kummenti gusti ghalkemm iebsin fil-konfront tar-rikorrenti, liema kummenti ghandhom jitqiesu bhala gust fl-ambitu tal-legislazzjoni w gurisprudenza nostrana u estera.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet is-sottomissjonijiet verbali ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-ewwel eccezzjoniji ta' l-intimati, filwaqt illi

**Tilqa** il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimati, u ghalhekk

**Tichad** it-talba attrici.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur